MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1251/2002

**Angelo Vella.**

**-vs-**

**John Mary sive Jimmy Borg u Joseph Borg.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-5 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur hu ko-propjetarju u possessor ma ohrajn ta’ passagg bir-rigel li taccedi ghalih minn Triq Santa Liena Mellieha, liema passagg jwassal ghal ghalieqi tal-attur u terzi.

Illi f'dawn l-ahhar xahrejn il-konvenuti jew agenti minnhom inkarigati abusivament u illegalment ghalqu l-access ghal dan il-passagg, wessghu l-fetha u ghamlu rixtellu l-wisa kollu tal-istess passagg biex b'hekk l-attur ma ghandu ebda access ghall-imsemmi passagg, u ghalqa propjeta tieghu.

Illi ghalhekk il-konvenuti kkommettew spoll fil-konfront tal-attur u qed jimmolestaw lill-istess attur fil-pussess u / jew detenzjoni tieghu tal-passagg fuq imsemmi.

Illi ghalkemm interpellati biex inehhu dan ir-rixtellu u jergghu jirrepristinaw il-fetha tal-passagg fl-istat originali taghha, dawn baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjara illi l-konvenuti abusivament u illegalment ghalqu l-fetha li taghti ghal passagg li tieghu l-attur hu ko-propjetarju u ko-possessur b'mod li l-attur ma jistax jaccedi ghall-art tieghu, b'mod li l-konvenuti kkommettew spoll fil-konfront tal-attur bi ksur tal-artikolu 534 tal-Kodici Civili.

2. Tordna illi l-attur jigi mqieghed mill-gdid fil-pussess / detenzjoni effettiv tal-passagg fuq imsemmi u dan fi zmien qasir u parentorju li jigi prefiss minn din l-Qorti.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u parentarju li tistabilixxi din il-Qorti, jergghu jirrepristinaw il-fetha fl-istat originali taghha permezz anki ta' periti nominati mill-Qorti u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur li jaghmel hu x-xogholijiet necessarji a spejjes tal-konvenuti.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-20 ta' Frar, 2003 li permezz taghha eccepew;

1. Illi l-attur irid jipprova illi huwa intavola il-proceduri odjerni fit-terminu rikjest mill-ligi ghall-azzjoni ta' spoll.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost mhuwiex minnu illi l-konvenuti ikkomettew xi spoll kif qieghed jallega l-attur fil-kawza odjerna u dana kif jista jigi ippruvat ahjar matul it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjopnijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li semghet it-trattazjoni tal-Avukati.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta' spoll. L-attur qed isostni illi l-konvenuti kkomettew l-ispoll meta ghalqu l-passagg imsemmi billi ghamlu rixellu wara li wessghu l-istess fetha. Kif hu maghruf huma tlieta r-rekwisiti biex l-azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma;

**1. il-pussess;**

**2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u**

**3. li l-azzjoni issir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.**

Il-konvenuti f'din il-kawza qed jeccepixxu li ma jezistux ir-

rekwisiti biex tirnexxi l-kawza ta’ spoll kemm ghaliex l-attur irid jipprova li l-kawza ntavolaha fiz-zmien imsemmi u li huwa ma kkomettiex spoll u l-atturi qatt ma kellhom il-pussess tal-bitha nterna in kwistjoni. Madankollu jidher li l-pern tad-difiza taghhom, ghall-inqas skond it-trattazzjoni finali, hija li l-attur ma kellux il-pussess ghaliex kien ilu ma juza l-passagg.

Il-Qorti ghamlet access fuq is-sit in kwistjoni u allura hija f’posizzjoni li tifhem ahjar x’gara. Il-proprjeta’ in kwistjoni qeghda fi triq principali u biex il-konvenuti jghaddu ghal gol-proprjeta’ taghhom bil-fors irid jghaddi minn fuq art proprjeta’ tal-attur. Din l-art kif gia’ inghad hija adjcenti ma’ triq pubblika principali. Il-konvenuti mhux jikkontestaw illi huma ghamlu x-xoghlijiet in kwistjoni. Skond l-attur fis-7 ta’ Settembru, 2002 ghadda minn hemm u ra l-bieb li kien hemm qabel (ghal cirka erbghin sena) imkisser u miftuh biex twessa sew. Ghamel rapport lill pulizija u ftit wara l-Ispettur kien qallu li l-konvenut kien ammetta li fetah il-bieb izda qallu illi se jaghlqu. Ghaddew ftit granet u ra t-trakk tal-konvenut fuq il-post u xi gimgha wara ra l-bieb tal-hadid imwahhal. Skond Charles Vella (fol 27) illi jigi kugin tal-attur, il-konvenut ammetta mieghu li ghamel il-bieb hu u qallu li jekk ried cavetta kien lest jaghtih wahda. Meta gie kontro-ezaminat l-attur qal li *ma nidholx fis-sens li inhoss li ma kellix ghalfejn.* Madankollu iktar ‘il quddiem qal li bhalissa l-post ma kienx qed juzah izda meta kien hemm il-bieb li tnehha mill-konvenut huwa kellu cavetta flimkien mal-familjari tieghu (seduta tad-29 ta’ Ottubru, 2004).

Huwa car ghalhekk li ghalkemm l-attur kien jaghmel uzu sporadiku mill-passagg, billi huwa proprjeta’ tieghu ma kienx ihoss il-bzonn li joqghod jghaddi minnu izda hu car li billi kellu c-cavetta imsemmija, kellu ukoll il-pussess. Il-pussess rikjest f’azzjoni simili ma jfissirx li meta wiehed jitkellem fuq passagg bil-fors l-attur joqghod jghaddi minnu regolarment biex *izomm il-pussess* – ossija joqghod jghaddi minn hemm biex ikun jista’ jivvanta li ghandu dan

il-pussess. Huwa bizzejjed li hu jkun jaf li jekk ikollu bzonn ikun jista' jghaddi minghajr xkiel.

Da parti tieghu l-konvenuti ma jistghu igibu ebda skuza ghaliex hadu l-ligi f'idejhom, lanqas jekk kif qal wiehed mill-konvenuti, ghamlu l-bieb biex ma jintremiex hmieg fil-post. Hemm mizuri ohra kontemplati mill-ligi u skond il-ligi biex wiehed jirrimedja ghal dan u mhux jiehu l-ligi f'idejh.

Fis-sentenza Delia vs Schembri (Prim'Awla - 4 ta' Frar, 1958) gie ritenut illi;

"*L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun .. li jigi vjolentement jew okkultament mehuda minghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm il-darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata .. jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistghax jesercitah minghajr intervent tal-Qorti.*"

Fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato*". (Vol III Sez. 52).

Kif gie ritenut fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit deciza fit-12 ta' April, 1958;

"*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.*"

Kif ukoll gie ritenut;

"*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima,*

*rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid*

*illi ghlhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna – Appell Civili –* *__Cardona vs Tabone__* *– deciza fid-9 ta' Marzu, 1992).*"

Jidher car illi l-konvenuti jikkonsidraw qisu taghhom il-passagg u qabdu u wessghu l-passagg u ghamlu l-bieb ghax dehrilhom li ghandhom jedd jaghmlu dan. Fir-rigward tal-perjodu ta' xahrejn ma jidhirx li hemm dubbju li x-xoghol sar mis-7 ta' Settembru, 2002 'il quddiem u billi l-kawza giet intavolata fil-5 ta' Novembru tal-istess sena giet mibdija entro x-xahrjen.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet tal-attur u ghalhekk tiddikjara li l-konvenuti ikkomettew spoll fil-konfront tal-attur u tikkundannahom biex fi zmien xahar jqieghed kollox fl-istat pristinu b'mod li l-attur ikun jista' jidhol mill-passagg in kwistjoni u b'hekk jitpogga mil-gdid fil-pussess tieghu u jnehhi l-ostakolu imsemmi u jergghu jaghmluh kif kien qabel u fin-nuqqas l-attur hu awtorizzat jaghmel dan a spejjes tal-konvenuti. Ix-xoghol ghandu jsir taht supervizjoni tal-AIC Valerio Schembri.**

**L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------